MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1192/2002/1

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Paul Damato**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Mejju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u disghin lira Maltija (Lm190.00), in kwantu ghas-somma ta' mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm175.00) import ta' seba' (7) kambjali annessi mal-avviz u markati Dokument 1, 2, 3, 4, 5, 6 u 7 u li d-data tal-maturita` taghhom skadiet u in kwantu ghas-somma ta' hmistax-il lira Maltija (Lm15.00) bhala imghaxijiet legali dovuti sal-lum fuq l-istess ammont.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-lum sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. John Buttigieg ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u disghin lira Maltija (Lm190.00), bl-imghaxijiet legali mit-8 ta' Mejju, 2002, sad-data ta' l-effettiv pagament**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**